Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

# Rapport Annwali

# Amministrattiv

Jannar - Diċembru 2020

# Werrei

**1. Introduzzjoni** .......... **3**
**2. Il-Kunsill** .......... **3**
Il-Kunsill .......... 3
Organizzazzjoni .......... 4
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill .......... 5
**3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali** .......... **6**
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali .......... 6
Xogħol u manuntenzjonijiet .......... 7
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv .......... 11

# 1. Introduzzjoni

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 10 ta’ Diċembru 2020 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta’ xogħol.  Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jzomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta’ xogħolijiet li saru matul is-sena 2020.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista’ jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjez ta’ kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal.

# 2. Il-Kunsill

### *Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b’popolazzjoni ta’ madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera, b’Sindku is-Sur Clive Pulis u Viċi-Sindku s-Sur Anthony Bonavia  u tliet kunsilliera -  is-Sinj. Joline Attard, is-Sur Malcolm Gatt u is-Sinj. Corinne Buhagiar .

Fis-sena 2020 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u l- iskrivan mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta’ ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta’ diversi individwi permezz ta’ għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## *Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma



## *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli għar-relazzjonijiet mar-residenti , xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, posta u oħrajn.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Is-Sur Stephen Bonello li ħadem mal-kunsill sax-xahar ta' Lulju 2020
- Is-Sur Bradley Bonello li ħadem mal-kunsill sax-xahar ta' Lulju 2020
- Is-Sur Nathan Bonello
- Is-Sur John Zammit
- Is-Sur Courtny Abela Wilson li ħadem mal-kunsill sax-xahar ta' Lulju 2020
- Is-Sur Sven Formosa
- Is-Sinj. Rita Scicluna
- Is-Sur Grezio Gerada li fix-xahar t' Awissu 2020 ġie mibdul mas-Sur Vince Stivala.

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | |
|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | € 358,552 |
| Minn Bye-Laws | € 16,343 |
| Minn Dħul Ġenerali | € 7,255 |
| Total ta’ | € 382,150 |

**Infieq**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-sigurta soċjali | € 84,582 |
| Spejjez ta’ manuntenzjonijiet u servizzi | € 210,004 |
| Spejjez ta’ amministrazzjoni | € 51,589 |
| Deprezzament tal-Assi Kapitali | € 26,500 |
| **Total ta’** | € 372,675 |
| | |
| **Bilanċ ta’** | € 9,475 |

## *Xogħol u manuntenzjonijiet*

**Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati**

Matul l-2020, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jżomm aktar l-indafa fil-lettrini pubbliċi. Manutenzjoni fuq fit-toroq u xogħol ta' titjib fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabbad il-ħaddiema tal-Gvern sabiex sar xogħol ta' żebgħa differenti fuq bankijiet tax-xatt u ħaddiema mir-Reġjun Xlokk sabiex saru manutenzjoni maġġuri fil-letrina tax-xatt li ikkonssita minn twaqqigħ tal-konkos li kien qiegħed f'periklu u ġew miksija mil-ġdid minn max-xibka kemm is-saqaf ta fejn hemmil-bust J.B. Azopardo kif ukoll il-koloni, it-taraġ u l-ħadid tat-taraġ. Il-Kunsill ħa ħsieb li irristawra l-Bust ta J.B. Azopardo . B' dispjaċir kbir il-kunsill reġġħa żebagħ dan it-taraġ minħabba vandaliżmu ta' ċertu addoloxxenti.

**Indafa**

Il-Kunsill żied in-nefqa għall-kuntratt tal-kenniesa sabiex l-Isla tkun aktar nadifa. In-nefqa tal-kuntratturi tal-knies jammonta għall-madwar €26,904 fis-sena.

Il-Kunsill Lokali ħallas €2000 aktar mis-sena l-oħra għaż-żamma tal-indafa speċjal-ment din is-sena 2020 li d-dinja kienet għaddeja minn dinil-pandemija. Il-Kunsill ħa ħsieb bil-kbir lil ħaddiema tal-kunsill fejn għamel bidla fl-uffiċċini tal-kunsill fejn saret għamara ġdida u għamel partition bil-ħġieġ biex kemm jista jkun ikun hemm distanza soċjali bejn ir-residenti u l-ħaddiema. Il-kunsill nefaq fuq materjal għal steriliżazzjoni tal-uffiċċju kontinwu. Ringrazjament tmur għal Bad Boy Cleaners li provdu lil kunsill sterlize dispenser għall kull ħanut kif ukoll għall-iskola Primarja. Il-kumpaniji Bad Boy Cleaners kif ukoll Ozo Group bagħtu 10 ħaddiema sabiex ikomplu jgħinu lil kunsill lokali bit-tindif tat-toroq tal-lokalita' għal perjodu ta' tliet xhur.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla ordna stickers biex jitwaħħlu mal-bins sabiex jediku liċ-ċitta-dini li l-bins jintużawa biss għall- affarijiet żgħar u mhux għall-boroż kbar suwed li dawn għandhom jinħarġu fil-ġurnata ul-ħin indikat:

Saru xogħlijiet ta' tisbiħ li jipproċedu tul ix-xatt tal-peniżola,li jinkludu t-tikħil ta' ħitan u fruntieri tal-konfini. Xogħlijiet li saru mill-FTZD @Foundation For Tourism Zone Development taħt il-Ministru Julia Farrugia bl-appoġġ tal-Kunsill Lokali l-Isla.

Fit- 30 t' Ottubru 2020 il-Kunsill Lokali tal-Isla ħa ħsieb li xelter żgħir fi Triq is-Sur jitnaddaf mill-imbarazz li jitfgħu ċertu individwi irresponsabli għaliex minn għalihom ma jidherx jew l-aqwa li ħelsu mill-imbarazz tagħhom. Din l-area ġiet imnadfa u mbattla mill-ħaddiema ta'Clean Malta - Cleansing and Maintenance Division u ħa tiġi magħluqa mill- Kunsill Lokali sabiex dawn l-abbużi ma jibqgħux isiru.

**Kuntratti**

Il-Kunsill ħareġ kuntratti ġodda fis-sena 2020:

Il-Kuntratt tal-knies li Alistair Bezzina huwa responsabli ta' dan il-kuntratt fejn għandu lista tat-toroq li jridu jsiru skond il-ġranet indikati li ġew diskussi waqt laqgħat fil-kunsill.

Il-Kuntratt tal-ġabra tal-borża s-sewda, dik organika kif ukoll il-ġabra tar-reċiklaġġ li l-kuntrattur responsabli għal dan il-ġbir huwa R & A li in-nefqa ta' dan is-servizz hija ta' madwar € 32,756 fis-sena VAT inkluża.

Il-Kuntratt tal-Bulky Refuse li l-kuntrattur responsabli huwa Jimmy Muscat, dan is-servizz huwa ta' darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis. Il-Kuntrattur jista' jiġbor sa tlett oġetti minn kull dar. Dan is-servizz huwa b'xejn għar-residenti li in-nefqa ta' dan il-kuntartt għall kunsill Lokali huwa ta' madwar €16,567 fis-sena VAT inkluża. Huwa importanti li terrapin ma jinġabarx mid-djar, ir-resident għandu jġib skip meta jkollu terrapin u ġebel x'jarmi u jekk ikollu tlett xkejjer żagħar immur jarmihom ir-resident personali fil-landfil tal-wasteserv.

Il-Kuntratt tal-Contracts Manager huwa responsabli Renergy Ltd. Dan il-kuntrattur huwa bl-obligu li jara li l-kuntratti tal-knies, tal-Bulky u tal-ġabra tal-borża s-sewda, organika u reċiklaġġ qed jiġu onorati mil-kuntratturi skont il-kuntratt li ġie iffirmat. L-ispejjeż ta' dan il-kuntratt tal-Contracts Manager huwa ta' €14160 VAT inkluża.

Il-kuntratt għal-Open Gym; dan huwa responsabli Projekte Global Limited fejn ser issir l-open gym fi Triq Dingli Cornelio, dan il-kuntratt ħa ftit taż-żmien għaliex il-kunsill kien qed jistenna l-awtorizzazzjoni mid-dipartiment tas-saħħa u s-sigurita. Dan il-proġett ser jinbeda fil-bidu tas-sena 2021 ser jiswa madwar €14686 VAT inkluża. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li ser issir play area ukoll li din ser tiġi tiswa madwar €5000.

Il-Kuntratt ta' CCTV cameras:

Il-Kunsill ħareġ tender għall-cameras tal-Pjazza 4 ta' Settembru li dawn ġew jiswew madwar €2326 VAT inkluża.

Il-Kunsill ħareġ direct order sabiex issiru cameras fix-xatt, fi Triq it-Tarzna. Dawn il-cameras ġew jiswew Wara ftit ġimgħat l-abbużi ta' skart li kien jinħareġ mhux fil-ġurnata tiegħu inqatagħu drastikament.

Ġew installati CCTV cameras oħra fil-ground tal-football. Dan ser jitlesta fil-bidu tas-sena 2021 wara ħafna vandaliżmu li kien qed ikun hemm ġo dan il-grawnd. Sar xogħol ta' manutenzjoni fix-xibka sabiex ikun jista jiġi magħluq,u qed jitlestew il-lasti min ikun irrid juża dan il-grawnd għal logħob tal-futbol javviċina il-kunsill sabiex jingħata aktar dettalji.

Il-Kuntratt ta' restawr tan-Niċċa tal-Porto Salvo dan ġie evalwat mil-bord fil-25 ta' Novembru 2020 fejn il-kunsill irrid japprova dan il-kuntratt sabiex jinbeda x-xogħol fuq in-niċċa f' Jannar jew Frar tas-sena 2021. Dan ir-restawr tan-Niċċa qed jiġi stmat li ser jiġi jiswa madwar €5900 VAT inkluża.

**Tabelli u Sinjali tat-Toroq**

Matul l-2020 il-Kunsill Lokali għamel numru ta' marki tal-karreġġjati fit-toroq tal-lokalita' iżda għad baqa' ħafna xi jsir. Is-Sinkdu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-uffiċjali tat-Transport Malta diversi drabi sabiex issir eżerċizju biex jittranġaw ċertu marki tal-karreġġjati fit-toroq. Il-Kunsill bl-approvazzjoni tat-Transport Malta żid żewġ parkeġġi fi Triq il-Vitorja mal-ġenb tal-Pjazza kif ukoll neħħa iż-żebra cross sabiex issir parkeġġ ieħor, neħħa wieħed fil-kantuniera fi Triq il-Kunċizzjoni u żid żewġ parkeġġi għall-muturi, kif ukoll neħħa parkeġġ fi Triq il-Vitorja k/m Triq San Ġiljan fil-kantuniera u żdiedu żewġ parkeġġi oħra għall-muturi.

Twaħħlu wkoll 10 tabelli ta' żebra crossings matul ix-xatt kif ukoll saru il-ma-nuntenzjoni taż-żebgħa tal-arbli. Dan ix-xogħol sar mil-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħolijiet u infrastruttura u l-kunsill ħa ħsieb li jixtri l-materjal ta' żebgħa, tabelli u materjal ieħor li kienhemm bżonn għal dan il-manutenzjoni.

**Trasport**

Il-Kunsill Lokali applika għal fondi sabiex tinxtara vettura eletrika biex tkun tista tintuża għall-anzjani u bżonnijiet speċjali biex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom kemm dik ta' saħħa, kif ukoll dik ta sigurta soċjali mingħajr ma jkollhom il-bżonn lil tal-familja biex iwassluhom għal dawn id-dipartimenti u jnaqsulhom mil-leave tagħhom biex iwassluhom.

l-Ministru Ian Borg ħabbar ir-rebbieħa tal-proġetti permanenti għall-Ġimgħa Ewro-pea tal-Mobilità. Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali Ian Borg laqa' lir-rappreżentanti uffiċjali tal-kunsilli lokali tar-Rabat u tal-Imdina, ta' Ta'

Xbiex, tal-Isla u tal-Imtarfa f’okkażjoni lifiha tħabbru r-rebbieħa tal-proġetti permanenti ta’ mobbiltà sostenibbli li ser ikunu implimentati minn dawn il-kunsilli. It-tema ta’ din is-sena kienet ‘Zero-emission mobility for all’. L-Isla ħadet il- premju ta’ €25,000.

Kemm fil-każ tal-karozzi elettriċi propost mill-Kunsill Lokali tar-Rabat u tal-Imdina kif ukoll il-vann elettriku propost mill-kunsilli ta’ Ta’ Xbiex u tal-Isla, se jkun qed jiġi implimentat kunċett ta’ car pooling.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2020, il-Kunsill Lokali daħal għal spiża li tammonta għal madwar €5333 sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tattoroq. Dini s-sena il-kunsill issieħeb mal-kunsill ta’ Bormla u tal-Birgu sabiex japplikaw għall-proġett fejn il-kunsilli għandhom jiżviluppaw studju li jiffoka fuq l-integrazzjoni ta 'sistemi foto-voltaiċi f'bini differenti fit-tliet ibliet. Sar studju inizjali, li permezz tiegħu ġew identifikati bini fejn forsi jiġu integrati Panelli Voltaiċi. Dawn jinkludu mħażen bis-soqfa ta ’l-asbestos imżerżaq li jistgħu jiġu sostitwiti bil-panelli integrat fuq is-saqaf kif ukoll binjiet storiċi fil-bliet fejn Panelli Voltaici ikunu konvenzjonali u ma jistgħux jiġu installati u għalhekk l-użu tal-BIPV jeħtieġ li jiġi analizzat biex jippermetti l-ġenerazzjoni ta’ enerġija rinnovabbli fil- bliet filwaqt li timminimizza l-impatt arkitettoniku u viżiv. L-għotja tal-EUCF għandha tintuża biex jiġu mmappjati s-soqfa kollha tal-asbestos.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma’ l-istess kuntratturi tas-sena l-oħra fuq it-tizjin tad-dawl tal-Milied u għal darb oħra ħareġ disinji ġodda ta’ dawl dekorattiv tal-Milied. Grazzi għar-Reġjun Xlokk din id-darba l-Kunsill ser jibbenefika minn €1000 għan-nefqa tat-tiżjien tad-dawl tal-Milied fil-lokalita tal-Isla.

**Proġetti Kapitali**

- Tisbiħ ta’ Pjazza 4 ta’ Settembru

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni għal skema ta’ proġetti kapitali mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Ċentrali bil-għan illi jsir xogħol ta’ tisbiħ f’Misraħ l-4 ta’ Settembru. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali giet milqugħa u l-Kunsill Lokali ħareġ Tender dwar dan il-proġett iżda għat-tielet darba konsekuttiva l-ebda kuntrattur ma tefa’ l-offerta tiegħu għalhekk il-kunsill kellu jmur għal direct order. Il-Kunsill Lokali inawgura it-tisbiħ ta’ Pjazza fl-4 ta’ Diċembru 2020 wara ħidma kontinwa bla waqfien mal-periti, inginiera u kuntratturi sabiex il-lokalita’ tal-Isla tgwadi Pjazza kif jixraq lil din il-Belt. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jinstalla cameras f’din

il-pjazza biex jinqatgħu abbużżi ta’ kontravinzjonijiet u vandaliżmu. Dan il-Proġett ser jiġi jiswa madwar €115, 000.

**Triq is-Sur**

Il-Kunsill Lokali jiskuża ruħu għall kull inkonvejent li nqala’ sabiex titlesta Triq is-Sur iżda finalment din it-triq tlestiet u saret triq il-kunċizzjoni wkoll.

**Id-Daħla tal-Isla**

Kif kien ġie diskuss is-sena l-oħra ix-xogħol fid-daħla tal-Isla, fuq il-Belveder u l-forti San Mikiel beda u mixi ġmielu.

**In-Niċċa ta‘ Porto Salvo**

Wara ħafna ilmenti dwar in-niċċa tal-Porto Salvo il-Kunsill ħadem sabiex din in-niċċa tiġi restawrata u ma tintilifx mill-preġu tagħha, Il-kunsill lokali ħareġ sejħa tal-offerti għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Porto Salvo. Dan il-proġett ser jibda fil-bidu tas-sena 2021 kif semmejt aktar qabel f’dan ir-rapport.

**Tisbieħ fi Ġnien il-Gardjola**

Ix-xogħol fi Ġnien il-Gardjola tlesta, saru fanali ġodda u bankijiet ġodda, kif ukoll ġew installati CCTV Camera. B’dawn il-cameras s’issa hemm installati f’erba’ postijiet fil-lokal tal-Isla u hemm il-ħsieb li l-kunsill iżid f’xi żoni oħra.

**Il-Qasam ta’ Saħħa, Soċjali u Edukattiv**

**Saħħa**

Fix-xaħar ta’ Mejju bejn il-11 u 12 ta’ Mejju 2020, il-Kunsill Lokali tal-Isla xegħel il-faċċata tal-Uffiċċju bil-blu sabiex iġib konxji lir-residenti bil-marda tal-Fibromalaygia.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li din is-sena f’ Ottubru xegħel il-faċċata tal-kunsill bir-roża sabiex iġġib konxji lil kulħadd għall-mard tal-kanċer fis-sider u l-kanċer tal-prostata.

Il-Kunsill Lokali dini s-sena daħal għal-sfida akbar fuq is-saħħa ta’ l-istaff u tar-residenti minħabba l-imxija tal-COVID 19. Kif semmejt aktar qabel f’dan ir-rapport fis-sezzjoni ta’ l-indafa, il-Kunsill ħa ħsieb li jagħmel partition sabiex l-iskrivaniji ta’ l-iskrivana ikunu bid-distanza soċjali kif ukoll għamel sinjali fl-uffiċini, fil-librerija u

saħansitra fuq il-bankini quddiem il-ħwienet. Twaħħlu noti mal-bibien tal-uffiċċini u tal-librerija sa biex jintlibsu l-maskli biex jidħlu fl-uffiċini.

**Soċjali – Attivitajiet – Ħarġiet**

Attivitajiet bejn Jannar u Frar 2020 man-nanniet magħna li kienu issiru kull ħmistax fejn ir-residenti kienu jisimgħu u jitgħallmu fuq is-suġett ta dak in-nhar bħas-suġett fuq is-saħħa, informazzjoni fuq il-presjoni u dejabete u informazzjoni finanzjarja bħal-penzjoni.

**Karnival fil-Pjazza**

Fi Frar ġie organizzat il-Karnival fil-pjazza. Din kienet l-aħħar attivita minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID pero l-kunsill ħadem sabiex inferħu lir-residenti tagħna. Inxtraw banners biex jagħti kuraġġ lir-residenti kollha, saru kunċerti onlajn kif ukoll fix-xhur tas-Sajf il-kunsill stieden lil Ivan Grech biex iferraħ lir-residenti bil-mużika tiegħu minn fuq OPEN BUS.

Din is-sena il-kunsill tal-Isla ġie magħżul biex fi proġett tal-Erasmus sabiex jikkolabora ma pajjiżi oħra fl-ewropa.  Il-Kunsill Lokali tal-Isla inagħqad mal-Itlaja, kif ukoll mal-Kroazja fejn kien ġie mistieden il-viċi sindku tal-Kroazju is-Sur Kovic, il-proġett kien inbeda bit-titlu Once Upon a time fejn is-suġġett kien li ser tiġi miktuba u animata storja bejn studenti minn dawn il-pajjiżi u dak ta' Malta iżda kellu jiġi postpost għas=sena d-dieħla.

Din is-sena ma sarux attivitajiet u sfortunatament lanqas dak il-festin tal-anzjani ġewwa s-seda iżda l-kunsill ħa ħsieb li xort waħda jagħti rigal żgħir lil anzjani tal-lokal għaż-żmien tal-Milied.

**Sports**

Il-kunsill qed ikompli jaħdem sabiex jitlesta l-grawnd tal-futbol, l-open gym u l-play área.

**Edukattiv**

Matul l-2020, il-Kunsill Lokali offra s-sala tal-kunsill sabiex jiġi organnizżat kors fil-lingwa  għal residenti barranin sabiex jintegraw aktar mal-komunita' Maltija iżda ħadd ma applika.

## Librerija

Il-Kunsill flimkien mad-dipartiment għal-gvern lokali issotomettu s-somma ta' €2000 għal din id-darba sabiex jinxtraw purtieri u xi petruni għal-librerija iżda minħabba l-imxija tal-Covid u minħabba xi hsara li kellha il-librerija dawn ma tkomplewx . Dan il-proġett ġie mitlub estensjoni għas-sena d-dieħla.

## Relazzjonijiet Internazzjonali

## AVEC

Is-segretarju Eżekuttv is-Sinj. Graziella Gelel attendiet għal konferenza ġewwa l-Birgu kif kien mifthiem is-sena l-oħra din il-konferenza kellha l-għan ewlieni illi tlaqqa' lill-imsieħba kollha fin-network AVEC bil-għan ili tagħti rendikont tal-ħidma ta' AVEC u jitfasslu strateġiji futuri. Din il-konferenza saret fi Frar 2020, l-tieni konferenza kellha issir it-Evora f' Ottubru iżda tħassret u saret onlajn.

## Konklużjoni

Is-Sena 2020 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi waqt li wkoll din is-sena żdiedet sfida oħra dik tal-pandemija,il-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Nittamaw li is-sena 2021 tkun aħjar sabiex inkomplu nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin biex intejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill kif ukoll jissieħeb fuq il- paġna tal-Face Book Kunsill Lokali l-Isla għalhekk inħeġġukom biex tidħlu fiha sabiex tkunu tafu aktar bl-attivitajiet u l-avviżi li jkunu qed isiru.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Clive Pulis | Graziella Gellel |